MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2008

Appell Kriminali Numru. 300/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Emmanuel Fenech**
***… omissis …***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Emmanuel Fenech talli:

(1) F'dawn il-Gzejjer fil-5 ta' Mejju, 1997, u x-xahrejn ta' qabel din id-data kkoltiva l-pjanta Cannabis;

(2) Fl-istess zmien u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis, kollha jew bicca minnha;

(3) Fl-istess zmien u cirkostanzi biegh, jew xort'ohra ttraffika fil-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha;

(4) *… omissis …*

(5) Fl-istess zmien u cirkostanzi assocja ruhu ma’ xi persuna jew persuni ohra f’dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh jew jittraffika medicina f’dawn il-Gzejjer, kontra d-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-ligijiet ta’ Malta, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza, jew iffinanzja l-assocjazzjoni;

(6) F’dawn il-Gzejjer matul l-1996 biegh jew xort’ohra ttraffika fi pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha.

(7) Ukoll talli fl-okkazjonijiet imsemmijin ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta’ mitt metru ta’ skola, club jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta’ Settembru 2006, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 8(c), 8(d), 8(e), 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii), 22(1)(f), il-proviso dwar l-aggravju li jinsab bhala t-tieni wiehed wara l-artikolu 22(2)(b)(ii), 22(1B) tal-Kap. 101, sabet lill-imsemmi Emmanuel Fenech hati (a) ta’ l-ewwel imputazzjoni bhala komplici ai termini ta’ l-artikolu 42(d) tal-Kap. 9, (b) hati tat-tieni imputazzjoni li hija assorbita skond l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9, (c) hati tat-tielet imputazzjoni, (d) mhux hati tal-hames imputazzjoni li minnha lliberatu, (e) hati tas-sitt imputazzjoni, u (f) mhux hati ta’ l-aggravju in konnessjoni mar-reati attribwiti lilu u mil-liema aggravju lliberatu, u kkundannatu ghall-prigunerija ta’ tmien (8) xhur u ghall-hlas ta’ multa ta’ erba’ mitt lira Maltin (Lm400) li tista tithallas bir-rata ta’ Lm50 fix-xahar bl-ewwel pagament isir erba’ gimghat mid-data tas-sentenza appellata. Fin-nuqqas ta’ hlas ta’ pagament, il-bilanc jithallas kollu f’daqqa u kull Lm5 mhux imhallsin jinbidlu f’jum prigunerija. Il-Qorti ordnat wkoll li jhallas nofs l-ispejjez tal-perizja amontanti ghal Lm88.78. Ghal kull buon fini l-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-

Registratur jekk kemm-il darba din ma kinitx distrutta fil-proceduri antecedenti;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Emmanuel Fenech pprezentat fis-27 ta’ Settembru 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti, filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ma nstabx hati tal-hames imputazzjoni dwar l-assocjazzjoni u mhux hati tal-aggravju ta’ l-imputazzjonijiet addebitati, thassar, tirrevoka u tikkancella l-istess sentenza u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin kemm tal-provi u fatti kif ukoll fuq kwistjonijiet ta’ dritt.

L-appellant jibda biex jilmenta li l-ewwel Qorti qieset l-ewwel u s-sitt imputazzjonijiet bhala zewg reati separati u distinti meta kellhom jitqiesu bhala reat kontinwat a tenur ta’ l-artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Jghid li l-prosekuzzjoni ma kellhiex titlob zieda fl-akkuza izda korrezzjoni fl-ewwel imputazzjoni billi jizdiedu l-ftit xhur ta’ qabel il-perijodu msemmi fl-ewwel imputazzjoni.

L-ewwelnett jigi osservat illi l-ewwel imputazzjoni tirreferi ghar-reat ta’ kultivazzjoni tal-pjanta cannabis filwaqt illi s-sitt imputazzjoni kontra l-appellant tirreferi ghar-reat ta’ bejgh jew traffikar tal-pjanta cannabis, jigifieri zewg reati separati u distinti. Dak li jidher li kellu f’mohhu l-appellant huwa t-tielet imputazzjoni li wkoll tirreferi ghar-reat ta’ bejgh jew traffikar tal-pjanta cannabis. Issa, filwaqt illi t-tielet imputazzjoni tirreferi ghall-perijodu “5 ta’ Mejju 1997 u x-xahrejn ta’ qabel din id-data”, is-sitt imputazzjoni tirreferi ghall-perijodu “matul l-1996”. Mill-provi jidher li l-prosekuzzjoni qed tibbaza z-zewg imputazzjonijiet fuq dak li qal ix-xhud principali taghha Carl Bonnici dwar droga li

allegatament huwa akkwista minghand l-appellant. Jekk il-prosekuzzjoni kellha f'mohhha l-istess generu ta' droga, cioe` l-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha, l-appellant ghandu ragun jghid li l-prosekuzzjoni setghet talbet korrezzjoni fit-tielet (mhux fl-ewwel) imputazzjoni sabiex tkun inkluza wkoll is-sena 1996 u tirreferi ghal dak li jipprovdi l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali. Jekk il-prosekuzzjoni kellha f'mohhha generu differenti ta' droga, cioe` r-raza mehuda mill-pjanta cannabis, is-sitt imputazzjoni kellha tkun impostata fuq l-artikolu 8(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux fuq l-artikolu 8(e) ta' l-istess Kap. 101.

Fuq dan il-punt pero` din il-Qorti sejra tirreferi ghal dak li ntqal fl-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Galea** decizi fit-3 ta' Novembru 1995[1]:

**"Dwar dan il-punt il-Qorti tosserva li bhalma l-paragrafi ta' l-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali dwar il-konkors ta' reati u pieni ma jistghux jittiehdu in konsiderazzjoni u jigu applikati mill-Qorti jekk il-prosekuzzjoni ma tressaqx aktar minn imputazzjoni ta' reat wiehed fl-istess kawza, hekk ukoll jekk il-prosekuzzjoni ma tkunx ikkontemplat id-diversi infrazzjonijiet bhala reat kontinwat u gabithom kollha fl-istess kawza bhala tali reat kontinwat, il-Qorti necessarjament trid taghti sentenza separata f'kull kawza ossia ghal kull infrazzjoni jew ghall-infrazzjonijiet <u>migjuba f'dik il-kawza</u>. Jista' jaghti l-kaz li l-prosekuzzjoni jkollha d-dubbji taghha jekk hemmx ir-'risoluzzjoni wahda' kkontemplata fl-artikolu 18. Jista' jaghti l-kaz ukoll li l-prosekuzzjoni f'dan il-kaz, il-Pulizija Esekuttiva, tkun agixxiet tempestivament u ma' l-ewwel infrazzjoni resqet lil dak li jkun; f'dan il-kaz wiehed ma jistax jippretendi li l-Pulizija ghandha toqghod tistenna biex tara jekk il-persuna li tkun tikkommettix reat iehor in forza tar-risoluzzjoni wahda li tkun precedentement iffurmat biex b'hekk fl-ahhar tressqu akkuzat bl-infrazzjonijiet kollha bhala reat kontinwat. Mill-banda l-ohra l-Pulizija m'ghandhiex**

[1] Vol. LXXIX.v.1678; Vol. LXXIX.v.1685; Vol. LXXIX.v.1691.

**tispezzetta d-diversi atti f'diversi kawzi…. Mill-banda l-ohra din il-Qorti ma tistax todna li t-tliet processi [fil-kaz ta' Joseph Galea] jew it-tliet sentenzi diga` moghtija jigu inkorporati fi process wiehed jew f'sentenza wahda – ebda disposizzjoni tal-ligi ma tawtorizzaha li jsir dan. L-uniku rimedju li tipprospetta l-ligi hu li jekk il-Qorti (li tista' tkun anke l-Qorti ta' Prim'Istanza) tara li d-diversi infrazzjonijiet f'kawzi separati kellhom jigu trattati bhala reat kontinwat f'kawza wahda, il-Qorti ghandha timmodera u tadegwa l-piena ghac-cirkostanzi."**

Fil-kaz in ezami l-prosekuzzjoni talbet zieda fl-akkuza fit-13 ta' Novembru 2001, aktar minn sena wara li nbdew il-proceduri kontra l-appellant. A bazi ta' dak li ntqal aktar qabel allura, jekk id-diversi infrazzjonijiet kellhom jigu trattati bhala reat kontinwat, jekk ikun il-kaz din il-Qorti tkun tista' "timmodera u tadegwa l-piena ghac-cirkostanzi".

It-tieni lment jirrigwarda dak li l-appellant isejjah kontradizzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti dwar l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet. Jirreferi ghal bran fis-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti qalet: *"dwar l-imputazzjoni ta' bejgh u traffikar, waqt illi l-prosekuzzjoni ma ppruvatx li l-imputati jew xi hadd minnhom bieghu/biegh il-pjanta cannabis fil-5 ta' Mejju 1997 u fix-xahrejn ta' qabel"*. Ghalhekk isaqsi kif setghet l-ewwel Qorti mbaghad ssib il-htija fil-konfront tieghu dwar ir-reati msemmijin f'dawk l-imputazzjonijiet.

Dan l-ilment huwa fieragh ghal kollox. Il-paragrafu 60 tas-sentenza appellata jittratta <u>biss</u> it-tielet imputazzjoni, cioe` r-reat ta' bejgh jew traffikar tal-pjanta cannabis fil-5 ta' Mejju 1997 u fix-xahrejn ta' qabel. F'dan il-paragrafu l-ewwel Qorti ghamlet distinzjoni bejn "bejgh" u "traffikar". Mill-provi ma rrizultax li l-appellant "biegh" izda, almenu skond l-ewwel Qorti, irrizultalha li l-appellant kien "ta" pjanta lil Carl Bonnici, liema agir jikkostitwixxi forma ta' traffikar.

Ghalhekk dan l-ilment huwa michud.

L-appellant jilmenta wkoll dwar il-fatt li nstab hati ta' komplicita` fl-ewwel imputazzjoni minhabba dak li qal ix-xhud Carl Bonnici li: *"l-akkuzat u l-ko-akkuzat qalulu biex isaqqi l-pjanti darba iva u darbtejn le"*. L-appellant isostni li jekk hu kellu jinstab hati, kellu wkoll jinstab hati l-ko-akkuzat l-iehor. U jekk in pessima ipotezi qal dan il-kliem, b'daqshekk zgur ma jkunx komplici ghax it-tkabbir proprju sar esklussivament minn Bonnici.

L-appellant jghid illi l-uniku xhud prodott kontra l-appellant, Carl Bonnici, mhuwiex xhud attendibbli. Jghid illi ghal dak li jikkoncerna s-sitt imputazzjoni, ghad li l-istess Bonnici kien tressaq il-Qorti in konnessjoni mas-sejba ta' droga, f'dak il-perijodu qatt ma semma lill-appellant. Fil-fatt l-imputazzjoni dwar traffikar ta' cannabis fl-1996 kif ukoll l-imputazzjoni dwar assocjazzjoni zdiedu fit-12 ta' Novembru 2001. Isostni li Bonnici kellu interess jiddeponi kif iddepona sabiex juzufuwixxi ruhu mill-artikolu 29 tal-Kap. 101.

L-appellant jghid illi huwa ressaq provi biex ikompli jdghajjef u jiskredita l-kredibilita` ta' Bonnici. Wera li Bonnici kellu kwistjoni tahraq ma' l-appellant u saru rapporti fl-ghases. L-appellant isostni li Bonnici seta' kellu l-intenzjoni li jivvendika ruhu mill-istess appellant. Jghid li dawn is-sottomissjonijet gew injorati mill-ewwel Qorti. Wara kollox, ikompli l-appellant, l-istess Qorti fl-osservazzjonijiet taghha dehret li ma tantx tat affidabilita` lill-istess Bonnici u minhabba f'hekk illiberat lill-ko-imputat Keith Psaila. L-appellant isisbha difficli jifhem kif l-ewwel Qorti lliberat lil wiehed u mhux lill-iehor meta l-provi mressqa kontra z-zewg ko-imputati kienu ta' l-istess portata u bazati solament fuq id-deposizzjoni ta' Bonnici. Jirreferi ghal bran minn dak li qal Bonnici fejn dan qal: *"qabel ma tlaqt Leli u Keith qaluli biex insaqqi l-pjanta darba iva u darba le. Qaluli wkoll li meta jasal il-waqt jigu u jaqtghu l-weraq huma. Mitlub nghid x'gara miz-zerriegha li kienu tawni mal-blokka li kont xtrajt f'Ottubru tas-sena l-ohra, jiena nghid li kont armejthom."* Ghalhekk l-appellant jghid li huwa stramb kif zdiedet l-imputazzjoni riferibilment ghall-1996 fil-konfront tieghu biss. L-ewwel Qorti stess fil-

paragrafu 54 tas-sentenza tghid li *"Keith Psaila kien prezenti u kien jaf x'qed isir waqt l-ghoti tal-pjanta minkejja li dan l-imputat xehed li ma ra xejn hazin quddiemu"*. Huwa ghalhekk difficli li wiehed konsegwentement jifhem ir-ragunament ta' l-ewwel Qorti fil-paragrafu 55 tghid: *"madanakollu l-Qorti jibqaghlha xi ftit tad-dubju dwar is-sehem ezatt ta' Keith Psaila"*. Jekk l-ewwel Qorti dehrilha li kellha tkun tal-fehma li meta ghamel l-istqarrija Bonnici kien originarjament gideb persistentement fil-konfront ta' Keith Psaila, ghaliex, isaqsi l-appellant, sabitha daqshekk difficli li temmen f'dawn ic-cirkostanzi li seta' gideb fil-konfront ta' l-appellant? Wara kollox Bonnici ma kellux kwistjonijiet ma' Keith Psaila, izda mhux l-istess jista' jinghad ghal dak li jikkoncerna l-appellant.

L-appellant jikkonkludi billi jghid li dwar it-tieni imputazzjoni, ghall-istess ragunijiet ma jmissux instab hati.

Din il-Qorti sejra l-ewwel tikkonsidra s-sitt imputazzjoni, cioe` dik fejn l-appellant gie akkuzat li matul l-1996 huwa biegh jew xort'ohra ittraffika fil-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha[2]. Din l-imputazzjoni zdiedet in vista ta' dak li qal Carl Bonnici. Izda x'qal precizament riferibilment ghal din is-sitt imputazzjoni?

Fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija fis-6 ta' Mejju 1997, wara li kien inqabad jikkoltiva pjanta tal-cannabis, mistoqsi dwar ic-cirkostanzi kif il-pjanta giet ghandu, huwa qal li f'Ottubru 1996, hu flimkien ma' certu Mark Borg, inqabdu f'road-block b'xi <u>raza tal-cannabis</u>. Qal li meta nterrogawh il-Pulizija kien qal li xtara dik id-droga minghand wiehed hdejn il-Klabb tal-Bocci taz-Zejtun u kien hallas Lm5 izda kien irrifjuta li jaghti l-identita` ta' dik il-persuna. Fl-istqarrija tas-6 ta' Mejju 1997 pero` qal li dik il-persuna kienet certu Leli li jghidulu "Ir-Ringo". Qal li dak iz-zmien li kien xtara minghand Leli, dan kien ma' persuna ohra jismu Keith li joqghod bieb ma' bieb mieghu (ma' Bonnici). Meta xtara l-haxixa <u>Leli u Keith kienu qeghdin jinnegozjaw</u>

[2] Fl-akkuza saret referenza ghall-artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta fil-fatt l-imputazzjoni hi bazata fuq l-artikolu 8(e) tal-Kap. 101.

mieghu flimkien. Skond Bonnici, mal-haxixa tawh ukoll madwar ghoxrin zerriegha tal-cannabis. "Mitlub nghid x'gara miz-zerriegha li kienu tawni mal-blokka li kont xtrajt f'Ottubru tas-sena l-ohra nghid li dawn jien kont armejthom."

Fis-7 ta' Mejju 1997 Carl Bonnici kkonferma "pjenament" l-istqarrija li kien ghamel lill-Pulizija meta xehed quddiem il-Magistrat Inkwirenti Dott. Antonio Mizzi.

Fid-9 ta' April 1999 l-imsemmi Carl Bonnici xehed quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-proceduri li ttiehdu kontra tieghu. Huwa mill-gdid ikkonferma l-istqarrija kif ukoll ikkonferma x-xiehda li kien ta quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Mistoqsi dwar proceduri antecedenti kontra tieghu (il-kaz ta' meta nqabad f'road-block) qal li dik il-kawza kienet "fuq joint" li qal li kien gab minghand l-istess nies. Mistoqsi mid-difensur tieghu jekk hux joint wiehed kien, wiegeb: "Iva. Joint wiehed hux."

Carl Bonnici mbaghad xehed fil-proceduri kontra l-appellant Emmanuel Fenech u l-ko-imputat l-iehor Keith Psaila. Mistoqsi mill-prosekuzzjoni dwar jekk l-appellant qattx tah xi haga ohra (riferibilment ghall-kaz meta Bonnici nqabad fir-road-block), Carl Bonnici wiegeb: "Le, le. Hlief dakinhar meta kont xtrajt dik il-bicca l-ohra." Imbaghad l-prosekuzzjoni kompliet issaqsieh:

"Pros: Qatt kellek fil-pussess tieghek xi zerriegha tal-cannabis?
Xhud: Kien kelli ftit, kien hemm ftit, meta kont xtrajt l-ewwel
darba, kien fiha ftit.
Pros: Kien fiha ftit. Jigifieri meta inti kont xtrajt il-haxix.
Xhud: Ehe.
Pros: Fl-istess haxix kien hemm xi zerriegha?
Xhud: Iva.
Pros: X'kont ghamilt b'din iz-zerriegha int?
Xhud: Kont armejtha jien."

Waqt ix-xiehda tieghu Bonnici kkonferma mill-gdid, wara li nqratlu mill-Qorti, l-istqarrija li kien ghamel lill-Pulizija. Wara, fuq domanda specifika tal-prosekuzzjoni li Bonnici kien semma li f'Ottubru 1996 kien inqabad b'xi joint haxix mentri fl-istqarrija qal li bicca raza, Bonnici qal:

“Xhud: Le, haxix kienet.
Pros: Haxixa kienet?
Xhud: Ehe. Forsi ma fhimtnix sew inti dakinhar, imma haxix kienet zgur.”

In kontro-ezami qal li l-ewwel darba li xtara b'hames liri kien iltaqa' ma' l-appellant biss.

Fl-10 ta' Jannar 2002 sar access mill-perit tekniku l-Perit Valerio Schembri u waqt dan l-access Carl Bonnici qal li ghall-habta ta' Ottubru 1996 kien ircieva “zewg joints jew ahjar b'hames liri 'smoke'” u li dawn kien tahomlu Emanuel Fenech (l-appellant) filwaqt illi minghand Keith Psaila qatt ma xtara xejn jew akkwista droga.

Minn dan kollu jidher car li Carl Bonnici ma jistax jitqies xhud attendibbli. Fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija qal li kien akkwista bicca raza u madwar ghoxrin zerriegha tal-cannabis. Wara li kkonferma dan bil-gurament mill-anqas tliet darbiet, fuq domanda specifika tal-prosekuzzjoni jghid li ma kienx raza li xtara izda haxix u li mal-haxix kien hemm xi zerriegha. Fl-istqarrija qal li kien xtara r-raza minghand l-appellant u li l-appellant u Keith Psaila kienu qed jinnegozjaw mieghu flimkien izda meta xehed fil-proceduri kontra l-appellant, mill-gdid wara li kien ikkonferma l-istqarrija bil-gurament mill-anqas tliet darbiet, qal li l-appellant kien wahdu. Ghaliex, tistaqsi l-Qorti, dan it-tibdil fil-verzjonijiet? Ghaliex l-ewwel jipprova jimplika tnejn min-nies u mbaghad donnu jaghmel xelta bejniethom u jibqa' jimplika wiehed minnhom biss? Barra minn hekk, dak li Carl Bonnici ndika fl-istqarrija tieghu bhala “bicca raza” isir “joint wiehed” fid-9 ta' April 1999, “haxix” fis-16 ta' Lulju 2001, u “zewg joints” fl-10 ta' Jannar 2002.

Din il-Qorti ma tistax ma tirreferix mill-gdid ghall-fatt, li filwaqt illi wara li Carl Bonnici kien ikkonferma diversi drabi dak li kien qal fl-istqarrija dwar li kien xtara raza u l-prosekuzzjoni, fil-proceduri kontra l-appellant u Keith Psaila osservatlu li hawn kien qieghed jghid haxix, Carl Bonnici qal li forsi l-ufficjal investigattiv ma kienx fehmu meta kien qieghed jaghmel l-istqarrija. Tant jidher li kien fehmu li aktar tard fl-istqarrija jsaqsih dwar x'ghamel biz-zerriegha li qal li nghata "mal-blokka" – referenza cara din ghar-raza tal-cannabis u mhux ghall-weraq tal-cannabis.

F'din il-konfuzjoni ta' verzjonijiet, din il-Qorti ma tistax b'serenita` taccetta xi wahda mill-verzjonijiet li ta Carl Bonnici fir-rigward tad-droga li nqabad biha waqt road-block fis-6 ta' Ottubru 1996 u li dwarha huwa ammetta fil-proceduri li ttiehdu kontra tieghu u nghatat sentenza fit-18 ta' Dicembru 1996 minghajr ma giet ezaminata d-droga in kwistjoni. Fi kwalunkwe kaz, jekk id-droga li kellu Carl Bonnici kienet raza tal-cannabis (giet minn fejn giet), l-imputazzjoni kellha tkun bazata fuq l-artikolu 8(b) tal-Kap. 101 u mhux fuq l-artikolu 8(e) tal-Kap. 101. Fil-kaz taz-zerriegha, din taqa' taht l-artikolu 8(e) tal-Kap. 101. Izda, jekk Carl Bonnici xtara raza, din ma jkollhiex zerriegha maghha. Imbaghad, filwaqt illi fl-istqarrija tieghu jaghmel distinzjoni netta bejn il-"bicca raza" li xtara u "madwar ghoxrin zerriegha" li jghid li nghatawlu, meta xehed fil-proceduri kontra l-appellant u Keith Psaila qal li xtara "haxix" li mieghu kien hemm xi zerriegha. Jekk huwa xtara joint (wiehed jew tnejn huwa immaterjali), dan ikun sigarett irrumblat lest u l-akkwirent ma joqghodx jifthu biex jara l-kontenut tieghu u jekk isib xi zerriegha joqghod jisseparaha mill-weraq li jkun hemm fil-joint (wara kollox Carl Portelli fl-ebda waqt ma jghid li ghamel hekk).

Ikkunsidrat dan kollu, jibqghu bla twegiba l-mistoqsijiet: X'kienet id-droga li Carl Bonnici xtara u/jew akkwista u li biha nqabad fis-6 ta' Ottubru 1996? Minghand min verament xtara u/jew akkwista dik id-droga?

F'dawn ic-cirkostanzi s-sejbien ta' htija ta' l-appellant dwar is-sitt imputazzjoni sejjer jigi revokat.

Din il-Qorti sejra issa tikkunsidra l-ewwel tliet imputazzjonijiet li jirrigwardaw pjanta tal-cannabis li nstabet qed titkabbar minn Carl Bonnici fil-gnien tad-dar tieghu. Hawn ukoll ix-xhud principali tal-prosekuzzjoni huwa l-istess Carl Bonnici.

Is-Supretendent Nicholas Ciappara, li mexxa l-investigazzjonijet, xehed li fil-5 ta' Mejju 1997 membri ta' l-iskwadra ta' kontra d-droga rcevew telefonata fejn gie ndikat li fil-fond 134 Triq il-Giebja Rumana, Zejtun, kien hemm persuna li kellha pjanta tal-cannabis. Il-Pulizija fil-fatt marru fuq il-post u sabu pjanta fil-gnien li huma elevaw u li analizi forensiku[3] sussegwentement ikkonferma li kienet pjanta tal-cannabis. Din kienet tizen 20.2 grammi.

Fl-istqarrija tieghu tas-6 ta' Mejju 1997 Carl Bonnici qal li meta xtara l-haxixa f'Ottubru 1996, maghha l-appellant u Keith Psaila "tawni wkoll madwar ghoxrin zerriegha tal-cannabis. Dawn qaluli li jien stajt nizra' minn din iz-zerriegha. Jien ghidtilhom li ma kontx naf kif, u dawn qaluli li meta jasal il-waqt kienu jkabbru pjanta ghalija. Nghid li lil dawn it-tnejn gieli rajtu [*recte:* rajthom] izda qatt ma kellimthom. Madwar tliet gimghat ilu jien kont ghaddej minn hdejn il-Klabb tal-Bocci, taz-Zejtun, rani Keith li kien flimkien ma' Leli fil-bieb tal-Klabb tal-Bocci, ghajjatli u qaluli l-kliem 'Ha ngibuhielek'. B'dan il-kliem jien fhimt li kien ser igibuli l-pjanta tal-haxixa. Nghid li dak in-nhar stess wara xi siegha u nofs jien ergajt iltqajt ma' Leli u Keith u dawn tawni l-pjanta. Din kienet go qiegh ta' flixkun ta' l-ilma, tal-plastic. Nghid li meta tawni l-pjanta din kienet imgezwra b'borza sewda. Kif tawni din il-pjanta jien mort id-dar u ghamiltha fil-bitha. Qabel ma tlaqt Leli u Keith qaluli biex insaqqi l-pjanta darba iva u darbtejn le. Qaluli wkoll li meta jasal il-waqt kienu jigu u jaqtghu l-weraq huma…. Nghid li jien ma hallast xejn ghal din il-pjanta izda qalli li meta jasal il-waqt huma jiehdu ftit minnha."

Meta xehed quddiem il-Magistrat Inkwirenti fis-7 ta' Mejju 1997, Carl Bonnici kkonferma l-istqarrija tieghu bil-

3 Ara rapport ta' l-Ispizjar Mario Mifsud a fol. 97 – 104.

gurament u zied jghid li l-pjanta "jahseb" li gabuha minghand l-appellant izda li "huma flimkien ihawduhom dawn l-affarijiet". Qal ukoll li l-pjanta qisha "tawhieli" ghax hu kien xtara "minn ghandhom" u li l-pjanta "gew Leli u hu [Keith Psaila] bil-karozza u tawhieli".

Carl Bonnici xehed ukoll fil-proceduri li ttiehdu kontra tieghu u hemm ikkonferma bil-gurament kemm l-istqarrija kif ukoll dak li kien xehed quddiem il-Magistrat Inkwirenti.

Anke hawn din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax dwar il-fatt illi filwaqt li Carl Bonnici sakemm itterminaw il-proceduri kontra tieghu baqa' jinsisti li l-pjanta nghatatlu mill-appellant u Keith Psaila, fil-proceduri kontra l-appellant u Keith Psaila biddel il-verzjoni tieghu. Hekk kif beda jixhed fis-16 ta' Lulju 2001, mistoqsi min tah il-pjanta, wiegeb bla tlaqliq "Emmanuel Fenech". Dwar Keith Psaila qal li jafu ghax kien ikun ma' l-appellant u ghax joqghod hdejh. Wara li mbaghad l-ewwel Qorti qratlu l-istqarrija qal li l-verita` kienet dik li hemm fl-istqarrija. In kontro-ezami mbaghad qal li ftakar li Keith Psaila kien sejjahlu, imbaghad gie l-appellant li "gab il-pjanta". Imbaghad kemm waqt l-access fl-10 ta' Jannar 2002 kif ukoll riprodott in kontro-ezami fil-15 ta' April 2002 rega' sostna li ghalkemm Keith Psaila kien ma' l-appellant, il-pjanta tahielu l-appellant u kien l-appellant li qallu li meta tikber ser jiehu xi haga minnha. Keith Psaila ma qallu xejn u qatt ma tah xejn. Anke meta xehed fit-2 ta' April 2004 semma biss lill-appellant.

In vista ta' dawn l-inkonsistenzi, l-ewwel Qorti tat il-beneficcju tad-dubju lil Keith Psaila u lliberatu mill-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu. Lill-appellant l-ewwel Qorti ma lliberatux peress illi qalet, korrettement, illi fil-konfront ta' l-appellant Carl Bonnici ma biddel xejn.

Izda, kif rajna aktar 'il fuq meta kienet qed tigi kkunsidrata s-sitt imputazzjoni, ix-xiehda ta' Carl Bonnici fir-rigward ta' dik l-imputazzjoni ma kinitx attendibbli. Ma kenet xejn attendibbli l-anqas fir-rigward ta' dak li kien originarjament qal dwar xi zerriegha li allegatament inghatatlu mill-appellant u Keith Psaila. Ir-rakkont tieghu dwar pjanta li

suppost inghatatlu mill-appellant u Keith Psaila hija maghmula fl-istqarrija tieghu bhala <u>*sequitur*</u> ghall-fatt li tawh xi zerriegha biex jizraghha izda huwa qalilhom li ma kienx jaf kif. Apparti li certament ma tridx wisq gherf biex tizra' zerriegha (wara kollox skond Bonnici kien hu stess li ghamel il-pjanta fil-gardina fejn instabet mill-Pulizija fil-hamrija), galadarba r-rakkont tieghu dwar iz-zerriegha ma kinitx attendibbli, din il-Qorti mhijiex tal-fehma li jista' jitqies wisq attendibbli s-*sequitur* ta' dak ir-rakkont, u dan anke ghas-segwenti ragunijiet.

Jirrizulta li fil-perijodu in kwistjoni mhux kollox kien ward u zahar bejn l-appellant u Carl Bonnici. Huwa minnu li l-ittra lill-Ispettur tal-Pulizija taz-Zejtun minn Dott. Frank Cassar f'isem Emmanuel Fenech tat-12 ta' Mejju 1997 tirreferi ghal incident li allegatament sehh fl-10 ta' Mejju 1997, hamest ijiem <u>wara</u> s-sejba tal-pjanta fir-residenza ta' Carl Bonnici. L-istqarrija ta' Carl Bonnici saret l-ghada s-6 ta' Mejju 1997. Anke l-ittra ta' Dott. Frank Cassar lil Carl Bonnici fejn gie nfurmat li l-Kumitat tal-Klabb tal-Bocci taz-Zejtun kien iddecieda li jittermina s-shubija ta' Bonnici fl-istess Klabb b'effett immedjat inkitbet <u>wara</u> li kien ghamel l-imsemmija stqarrija; difatti inkitbet fis-16 ta' Mejju 1997. Pero` mix-xiehda ta' l-appellant stess jidher li l-inkwiet bejnu u Carl Bonnici kien diga` beda qabel.

L-appellant, kuntrarjament ghal dak li qal Carl Bonnici li lill-appellant u lil Keith Psaila qatt ma kellimhom (ara stqarrija ta' Bonnici), xehed li Bonnici kien imur il-Klabb tal-Bocci u kien jghin lill-appellant fil-Klabb filwaqt li l-appellant kien itieh xi Lm20 fil-gimgha u jaghtih jiekol kuljum u dan ghal perijodu ta' bejn tliet snin u sentejn u nofs (fl-istqarrija tieghu l-appellant isemmi perijodu nqas ta' madwar sena u nofs, izda xorta perijodu sostanzjali). Skond l-appellant, darba minnhom qallu biex jirrangaw naqra l-kcina, Bonnici ma marx u l-appellant talab lil Keith Psaila jghinu. Meta Bonnici tfacca, kien kollox lest u l-appellant qallu "Issa tigi xejn aktar". L-appellant jghid li minn dakinhar beda jsib vendikazzjonijiet.

Issa, ghalkemm l-ittri msemmija nkitbu wara li Bonnici kien ghamel l-istqarrija tieghu lill-Pulizija fejn implika lill-

appellant u lil Keith Psaila, l-istqarrija ta' l-appellant saret fit-22 ta' Mejju 1997, allura wara li nkitbu l-ittri msemmija, u minnha jirrizulta li l-appellant mar ghand il-Pulizija minn jeddu bi skop preciz. Difatti s-Supretendent (allura Spettur) Nicholas Ciappara jaghmel din id-dikjarazzjoni u mistoqsija:

**"Dal-ghodu int gejt l-ufficcju tieghi sabiex tkellimni dwar Carl Bonnici. X'ghandek tghidli dwar dan il-bniedem?"**

Dan ifisser illi l-appellant ma giex arrestat wara l-istqarrija li kien ghamel Carl Bonnici, li hu mar ghand il-Pulizija minn jeddu u precizament sabiex jinforma lill-Pulizija li kien sema' li Carl Bonnici kien ser jghid li x-xitla tal-cannabis li nstabet ghandu kien tahielu hu (l-appellant) u li Carl Bonnici stess kien qallu li hu (l-appellant) kien irrapportah dwar ix-xitla. Effettivament fix-xiehda tieghu l-appellant ikkonferma li kien hu li kien cempel lill-Pulizija "ghax kien dejjaqni". Din il-Qorti hi tal-fehma li fic-cirkostanzi rizultanti ma kienx jaghmel sens li l-appellant jinforma lill-Pulizija dwar il-pjanta li kellu Carl Bonnici jekk kien hu stess li taha lil Bonnici; wara kollox kien ikun qieghed jiffaccja r-riskju li Bonnici jikxfu.

Mehud dan kollu in konsiderazzjoni flimkien mac-cahda esplicita ta' l-appellant, din il-Qorti tqis id-dikjarazzjoni ta' htija mill-ewwel Qorti dwar l-ewwel tliet imputazzjonijiet bhala wahda *unsafe and unsatisfactory*.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata fir-rigward l-appellant Emmanuel Fenech billi tirrevokaha in kwantu sabet lill-imsemmi Emmanuel Fenech hati ta' l-ewwel imputazzjoni bhala komplici, hati tat-tieni imputazzjoni, tat-tielet imputazzjoni u tas-sitt imputazzjoni u minflok tiddikjarah mhux hati ta' dawk l-imputazzjonijiet u minnhom tilliberah, tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghal prigunerija ta' tmien xhur u ghall-hlas ta' multa ta' erba' mitt liri Maltin (Lm400) u in kwantu ordnat li jhallas

nofs l-ispejjez peritali fl-ammont ta’ Lm88.78 u minflok tilliberah wkoll minn kull piena, u tikkonfermaha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------